# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-EWrbgha, 29 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 1**

**Citaz. Nru. 1136/01 GV**

Doc. 249-02

**Joseph u Mario Micallef ghad-ditta J. & M. Micallef Auto Dealers**

**Vs**

**Paul Borg**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) bilanc minn somma akbar, oltre l-imghaxijiet, ghall-bejgh u konsenja ta' diversi vetturi;

Premess illi l-konvenut debitament interpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi skond l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-dejn huwa cert, likwidu u

dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba taghhom;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kap. 12);

2 Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1,400) bilanc minn somma akbar ghall-bejgh u konsenja ta' diversi vetturi.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li diversi mill-vetturi ndikati mill-atturi huma diga mhallsa.

Illi l-ftehim bejn l-atturi u l-konvenut kien li kellu jkun hemm tpacija ta' whud mill-pagamenti dovuti mill-konvenut, permezz ta' xi xoghlijiet li l-istess konvenut ghamel lill-atturi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont indikat huwa fi kwalsiasi kaz eccessiv, in kwantu ma jikkorrispondix mal-prezzijiet tal-vetturi kif miftehma bejn il-partijiet.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur xehed li hu kien biegh diversi vetturi lill-konvenut u l-konvenut ma kien hallas xejn mill-ammont mitlub fic-citazzjoni. Ix-xoghol li semma l-konvenut m'ghandux x'jaqsam mal-kont li hu qed jitlob. Tax-xoghol li kien ghamel il-konvenut hu kien hallsu. Meta l-konvenut kien ibiegh xi karozza minn dawk li jkun ha minghandhom hu kien ihallas u baqghalu l-bilanc mitlub fic-citazzjoni.

Il-provi prodotti mill-atturi bl-ebda mod ma gew kontestati ghalkemm il-konvenut inghata diversi differimenti biex igib il-provi tieghu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-tieni talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1,400) kif mitluba.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**